**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 27.12.09: FESTA TAL-FAMILJA MQADDSA TA' ĠESU', MARIJA U ĠUŻEPPI.**
Nistiednu lill-miżżewġin kollha biex iġeddu l-imħabba u l-fedelta' tagħhom tal-ħajja miżżewġa.
**IT-TNEJN, 28.12.09: FESTA TA' L-INNOĊENTI MARTRI.**

**PARTY GHAT-TFAL KOLLHA**

**Fit-8.30a.m.** quddiesa għat-Tfal kollha u wara mmorru fid-Dar Parrokkjali għall-Party organizzat mill-Parroċċa.
It-tfal kollha jingħataw rigal żgħir kull wieħed..
**IL-ĦAMIS, 31.12.09: Fis-7.00a.m.** ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**Mill-4.00p.m.** 'l quddiem ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**Fis-6.00p.m.** quddiesa li tagħlaq bil-kant tad-Te Deum biex nirringrazzjaw lil Alla għal dak kollu li għamel magħna matul is-sena li għaddiet.
**IL-ĠIMGĦA, 1.1.10 : SOLENNITA' TAL-IMQADDSA VERGNI MARIJA OMM ALLA**

**JUM IL-PACI**

Illum taħbat ukoll l-ewwel Ġimgħa tax-xahar.
**Fil-11.00a.m.** se jkun hawn ftit ħin ta' Adorazzjoni biex nibdew is-sena f'riġlejn Ġesu Ewkaristija.
**IL-ĦADD, 3.1.10. SOLENNITA' TAL-EPIFANIJA TAL-MULEJ.**
Wara l-quddiesa ta' l-10.30a.m. ikun hawn ftit ħin ta' adorazzjoni biex fuq l-eżempju tal-Maġi aħna wkoll immorru naduraw lil Ġesu mwieled għalina.

**ĦARĠA GĦALL-ABBATINI.**
Nhar il-Ħamis 31 ta' Diċembru 2009, se nagħmlu ħarġa għall-abbatini kollha.

## KORS GĦALL-GĦARAJJES
Nhar is-**Sibt, 9 ta' Jannar 2010** se jibda l-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ, għall-għarajjes.
Infakkar li dawk li jkunu se jiżżewġu jridu jkunu għamlu l-kors tal-parroċċa u anke dak tal-Moviment ta' Kana.
Il-laqgħat se jkunu nhar ta' Sibt wara l-quddiesa ta' fil-għaxija u jkunu fid-Dar Parrokkjali.

**NIRRINGRAZZJA**
**1.** Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li taw l-offerta tagħhom biex xtrajna x-xtieli tal-ponsjetti għat-tiżjin tal-knisja fl-okkażjoni tal-Milied.
**2.** Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom fl-organizzazzjoni tan-Novena tal-Milied. Kienet tassew sabiħa u b'messaġġi attwali ħafna.
**3.** Grazzi u Prosit lill-membri tal-Kor, speċjalment il-Kor tat-tfal li taw s-sehem tagħhom kemm fin-Novena u anke fil-lejl tal-Milied.

**NOTA GĦALIK…**
Spiċċa s-sena billi tersaq lejn Ġesu' u titolbu maħfra tan-nuqqasijiet tiegħek, u timtela bl-ikel li jagħtik fl-Ewkaristija.
B'hekk ikollok esperjenza tal-vera paċi tal-qalb.

**NIXTIEQ LIL KULL MEMBRU U KULL FAMILJA TAL-PARROCCA TAGHNA SENA GDIDA TA' HENA F'GHAQDA MA' GESU'.**